*Kappelli u Knejjes Żgħar fil-Mosta (10):*

# Il-Knisja ta' Sant'Andrija

*minn* **Tony TERRIBILE**



**Fl-okkażjoni** tal-festa ta' Santa Marija ta' din is-sena, il-ħarsa tagħna se ndawwruha fuq knisja żgħira oħra fil-Mosta, li għalkemm illum m'għadhiex tintuża, hi knisja bi storja interessanti warajha. Qed nirreferi għall-knisja ta' Sant'Andrija li fl-imgħoddi kienet fi sqaq qasir li kien magħruf bħala 'Ta' Misraħ Għonoq' għax hekk kienu magħrufa l-inħawi.

Illum ix-xena nbidlet, l-isqaq spiċċa, u miegħu spiċċaw iż-żewġ ħoloq kbar tal-ħadid li magħhom, ir-rettur tal-knisja kien jorbot il-ħmara tiegħu meta kien jiġi fl-inħawi jqaddes lin-nies li kienu joqogħdu madwar Sant'Andrija. Il-biċċa l-kbira tagħhom dawn kienu bdiewa.



*Il-kappella ta' Sant'Andrija kif tidher dawn l-aħħar snin imdawra bil-bini modern.*

*(ritratt: Ruben Chetcuti)*

Mad-dawra llum tela' ħafna bini u għalhekk joqogħdu ħafna familji. Dan wassal biex hawnhekk insibu waħda miż-żoni pastorali tal-Parroċċa tal-Mosta. Kif kien xieraq din issemmiet għal Sant'Andrija. Hawnhekk insibu kappella u ċentru, mibnija t-tnejn fuq linji moderni iżda b'xorti tajba l-knisja l-qadima għadha hemm wieqfa bħala l-aqwa tifkira tal-Mosta ta' żminijiet oħra. Fl-imgħoddi dawn l-inħawi kienu kollha magħrufa bħal Ħal Dmiegħ u kienu jgħixu hawn numru ta' familji.

L-ewwel knisja, f'ġieħ l-Appostlu inbniet għall-ħabta tas-seklu ħmistax meta allura din kienet tagħmel parti mill-Parroċċa tal-Mellieħa. Mhux l-ewwel darba li f'dawn l-inħawi instabu fdalijiet li tefgħu ħafna dawl arkeoloġiċi fuq dawn in-naħat. Meta l-Mosta saret Parroċċa din il-knisja bdiet tagħmel magħha. Maż-żmien f'din il-knisja sar kwadru, impitter minn Filippo Dingli, li sa llum għadu merfugħ f'din il-kappella.

Il-festa ta' Sant'Andrija, nhar it-30 ta' Novembru, kienet tiġi ċċelebrata bis-sollennità kollha bil-kant ta' l-Għasar u bil-Quddiesa kantata. Kien ukoll jitqassam il-lewż u l-ġellewż lil dawk kollha li kienu jattendu l-funzjoni.

Il-kappella għamlet żmien twil magħluqa iżda lejn it-tieni nofs tas-seklu għoxrin, Monsinjur Antonio Buhagiar, qassis twajjeb li għadda ħajtu kappillan ta' Ħal Lija u r-Rabat, u wara Mons. l-Imdina, ġie joqgħod il-Mosta, raħal twelidu u kera dar fi Triq il-Kostituzzjoni.

Bil-permess ta' l-Arċipriet tal-Parroċċa, beda kuljum iqaddes f'din il-kappella u fil-għaxija kien jiġbor lin-nies ta' l-inħawi għar-reċita tar-Ružarju Mqaddes. Għadda snin twal iwettaq dan l-apostolat. Kien il-ħmira tax-xogħol kbir li llum qiegħed isir fiż-żona Sant'Andrija.



*Il-kwadru ta' Sant'Andrija fiċ-Ċentru Pastorali msemmi għall-istess qaddis.*

F'dan iċ-ċentru huma merfugħa sitt statwetti ta' l-appostli li huma biċċa xogħol sabiħa ta' skultura fl-injam. Meta saru, kienu ntenzjonati li dawn jiġu mogħtija l-ġibs u jiġu ndurati. Nistgħu ngħidu li b'xorti tajba dan ix-xogħol ma sarx u baqgħu fl-istat oriġinali tagħhom u għalhekk sa llum nistgħu narawhom kif ħadimhom l-imgħallem kif għamilhom snin ilu. Huma tabilħaqq biċċa xogħol sabiħa ta' l-arti.

Illum, il-knisja oriġinali ta' Sant'Andrija tinsab magħluqa. Ħasra li minħabba nuqqas ta' ħ'ieb fl-ippjanar tax-xogħol fl-inħawi din kellha ġġarrab xi ħsarat strutturali, iżda meta din it-tiswija tiġi rranġata il-kappella ta' S'nt'An'rija terġa' t'eħu s-sbuħija oriġinali tagħha, meta nbniet żmien ilu f'wi'ħed mit-truf tal-Mosta.

*Tas-Sliema, 3 ta' Lulju 2002.*